



Brussell, 16 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

14039/20

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2018/0166(APP)**

---

**CADREFIN 450**  
**RESPR 82**  
**POLGEN 228**  
**FIN 958**

**NOTA PUNT "A"**

---

minn:	Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2012-2027 u I-Pakkett għall-Irkupru - Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 - ADOZZJONI

---

1. F'Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Dan il-pakkett kien jinkludi b'mod partikolari proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ir-Regolament dwar il-QFP).
2. Il-pandemija tal-COVID-19 biddlet il-kondizzjonijiet li taħthom kien qed jiġi nnegozjat il-QFP. Fit-23 ta' April 2020, il-Mexxejja inkarigaw lill-Kummissjoni Ewropea biex b'mod urġenti toħroġ bi proposta għal Fond għall-Irkupru li jkun proporzjonat mal-isfida ffaċċata. Huma ssottolinjaw ukoll il-ħtieġa li jiġi aġġustat il-QFP biex jindirizza l-kriżi u l-konsegwenzi tagħha.
3. Il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti f'Mejju 2020, li ppreveda l-ħolqien ta' Strument ġdid tal-UE għall-Irkupru (imsejja ħukoll "Next Generation EU") u reviżjoni mmirata tal-pakkett ta' proposti tal-QFP 2018, b'kont meħud ukoll tal-progress miksub fil-livell tekniku u politiku fil-Kunsill.

4. Il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17 - 21 ta' Lulju 2020 adottat il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP futur u l-Instrument tal-UE għall-Irkupru "Next Generation EU (NGEU)"<sup>1</sup>.
5. Il-Presidenza sarrfet il-gwida politika pprovdu mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Lulju 2020 fi proposti ta' kompromess tal-Presidenza. Fid-29 ta' Lulju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (COREPER) ta l-approvazzjoni wiesgħa tiegħu sabiex il-Presidenza tkun tista' tinvolvi ruħha mal-Parlament Ewropew abbażi tal-proposta ta' kompromess tal-Presidenza msemmija hawn fuq, bil-ħsieb li tikseb l-approvazzjoni tiegħu fir-rigward tar-Regolament dwar il-QFP.
6. Bejn Awwissu u Novembru 2020, saru tħalli tħalli trilaterali informali fil-livell politiku mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Fl-10 ta' Novembru 2020, in-negozjaturi qablu b'mod proviżorju dwar pakkett politiku għall-QFP futur u l-Pakkett għall-Irkupru.
7. Fis-16 ta' Novembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni qabel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 kif ippreżentat fid-dokument ST 12792/20 + ADD 1 soġġett għall-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti;
8. Fil-11 ta' Diċembru 2020, il-COREPER iddeċieda li, soġġett li jirċievi l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jipproponi lill-Kunsill biex jadotta l-abbozz ta' Regolament dwar il-QFP (ST 9970/20 + COR 1 (hr) + COR 2 (sv) kif iżżejjekk mill-ġuristi lingwisti).
9. Fl-14 ta' Diċembru, il-Kunsill approva l-preżentazzjoni tal-abbozz tar-Regolament dwar il-QFP 2021-2027 (ST 9970/20 + COR 1 (hr) + COR 2 (sv) kif iżżejjekk mill-ġuristi lingwisti) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 312(2) TFUE;
10. Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dan ir-Regolament fis-16 ta' Diċembru 2020.

---

<sup>1</sup> dokument ST 10/20

11. Wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill huwa għalhekk mistieden:

- a) jadotta b'unanimità l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021sal-2027 kif jinsab fid-dok. ST 9970/20 + COR 1 (hr) + COR 2 (sv) + REV 1 (nl), kif iż-żejjek minn-ġuristi lingwisti;
- b) jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet konġunti u d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni kif jinsabu fid-dok. 12793/20 + COR 1 (da) + COR 2 (cs) + COR 3 (et) + COR 4 (lt) + COR 5 (pl) + COR 6 (sl) + COR 7 (ga), kif ukoll id-dikjarazzjonijiet mid-delegazzjonijiet li jinsabu fid-dok. 14039/20 ADD 1 jiddaħħlu fil-minuti tal-laqgħa.